# TAL-QALI

NIFTAKREK tajjeb, ja wilġa daqsiex, fi żmien ir-riżq u l-ġid, meta kont tibdel lwienek u tinża' u tinxef fis-sjuf, tilbes l-aħdar imżewwaq bl-isfar fix-xtiewi u taqleb għall-aħmar fi dħul ir-rebbiegħa.

Niftakrek meta ħadd għajr il-bdiewa u l-kaċċaturi ma kien jaf bik jew jaħseb fik. Min jaf kemm-il għodwa sbaħt f'nofsok, nitħenna bit-tbeżbiż ta' l-alwett, jew nittama li nħoss il-pluvieri u li jgħadduni minn ta' l-ewwel.

Ebda ikla fuq l-isbaħ mejda, imżejna b'kulma tixtieq il-qalb u mimlija ġid qatt ma niżlitli għasel daqs il-loqma ħobż u ġbejna li kont niekol fil-għodwiet li fihom kont inżurek; u li kont inħawwar bil-weraq tal-ġarġir li f'dawk iż-żmenijiet kien iżiegħdek u jżid iżewwaq ilwienek.

Dan kollu issa ntemm u għeb fil-mili taż-żmien, bħalma jgħib in-nida fuq il-weraq tax-xtieli malli tfiġġ ix-xemx; u int tbiddilt bħal lejl min-nhar. Tbiddilt; u minn wilġa raba' ma jafek ħadd sirt l-aktar imkien magħruf u msemmi ta' Malta. Inbdilt għal kollox u ħadt isem ġdid. Laqqmuk, biex ingħid hekk, u tawk isem waħda mill-frieghi tiegħek, u minn wilġa "Ta' Vnezja" sirt il-mitjar "TAL-QALI" — imsemmi, kburi, imfarrak u mġarraf u mill-ġdid imsewwi għal ma nafx kemm drabi —il-benniena tal-qalbenin, il-għira ta' l-egħdewwa, il-waħx tal-kotra.

Ċew drabi li f'inqas minn siegħa fuqek twaddbu u xkattaw ma' tulek ja sentejn qliel, il-mijiet il-kbar ta' qnatar ta' bombi, li jwerwru qlub l-azzar: u dawn tertquk, biċċruk u darbuk ikrah kemm-il darba iżda qatt ma sikktuk għal kollox jew mewtuk. U ta' kull darba arak tarfa' rasek mimlija dmija, tisserra snienek u mill-ġdid thejji ruħek għat-taqbida.

Intemm tabilħaqq iż-żmien li fih kont tkun ħuġġieġa waħda fjuri tas-silla; intemm iż-żmien li fih it-tajr il-kbir kien jiġbed għal fuqek bl-akbar ħerqa. Ħġejjeġ oħra tqabbdu fuqek f'dawn l-aħħar sentejn; tajr ieħor ta' kobor li qatt ma deher bħalu ġibed lejk u fuqek hejja l-bejta biex wara tqabad ma' min ġie biex jifqgħek u jaħartek bin-nar.... tajr li għaġġeb lid-dinja b'egħmejjel ta' ħila li jisbqu lil kull għamil ieħor kbir li qatt issemma.

U meta jiġu biex jinkitbu l-ġrajja ta' waħx, ta' demm u ta' qirda li ġraw f'dawn l-aħħar tliet snin f'dit-Taqbida qalila tal-Ġnus, ismek – isem għarib sa għal ġensek – jiġi mxandar ma' l-erbat irjieħ u mniżżel ma' l-ewlenin imkejjen li ġarrbu l-eħrex qilla tal-għadu, li wrew l-akbar ħila, li lellxu bi dwal ta' qlubija li ma tintesa qatt.

Is-sliem għalik, ja wilġa tal-għaġeb, miżrugħa bin-nar u msoqqija bid-demm! L-uċuħ li l-lum igħattuk huma x-xbihat – waħda ħdejn l-oħra – tal-kotra li mietu għalik u mħabba fik; ta' dawk li mietu bit-tama qarrieqa li xi darba ġenshom jirfes fuqek; u ta' l-oħrajn li taw ħajjithom bil-qalb biex fuqek ma jirfes ħadd għajrhom.

U fil-ħemda tad-dawl fietel tal-qamar, fi ljieli taż-żmenijiet li għad iridu jiġu, meta tkun erġajt sirt dak li darba kont, l-erwieħ tal-qalbiena li taw ħajjithom għalik, joħorġu minn qabarhom u mill-ġdid jiġu jittajru u jgħassu fuqek, sektin u ħemdin, bla ħoss u bla tfixkil, iżda bil-jedd kbir li rahom il-jum li fih mietu għalik!

Ġużè Ellul.